Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Sniace, SA hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2011 — Hartmann vs UASI (Complete)

(Kawża T-123/10)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Complete — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Raġuni — Prodotti li jikkostitwixxu grupp omoġenju — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jiddistingwu l-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 23, 25, 29, 36)*

2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Eżami separat tar-raġunijiet ta' rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni — Portata (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)) (ara l-punti 15-18)*

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Jannar 2010 (Każ R 601/2009-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Complete bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-20 ta' Jannar 2010 (Każ R 601/2009-4) hija annullata.

2) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Paul Hartmann AG, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn din tal-aħħar għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tat-30 ta' Novembru 2011 — SE-Blusen Stenau vs UASI — Sport Eybl & Sports Experts (SE© SPORTS EQUIPMENT)

(Kawża T-477/10)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SE© SPORTS EQUIPMENT — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti SE So Easy — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"